


L-effettività tat-tilqim

Tweġibiet għall-mistoqsijiet ewlenin



Il-vaċċini kif jevitaw il-mard?

Il-biċċa l-kbira tal-vaċċini jkun fihom antiġeni, li huwa forma mdgħajfa jew inattivata ta' virus jew batterju. Meta persuna titlaqqam, is-sistema immunitarja tagħha tagħraf l-antiġeni bħala barrani, u toħloq ċelloli msejja antikorpi li jiġġieldu l-virus jew il-batterju.

Il-vaċċini jippermettu lis-sistema immunitarja li toħloq memorji tal-virus jew tal-batterji li jkunu jinsabu fihom. Meta darb'oħra l-persuna mlaqqma tiltaqa' ma' dak il-virus jew batterju, is-sistema immunitarja tagħha tkun tista' tagħrfu, u malajr tipproduċi l-antikorpi u ċ-ċelloli immunitarji t-tajba biex toqtlu.

X'inhil-immunità "kollettiva" jew "komunitarja"?

Meta n-nies jitlaqqmu kontra marda infettiva, ikun hemm ħafna inqas probabbiltà li din tinfirex minn persuna għal oħra. Din il-protezzjoni kondiwiża tissejjaħ immunità "kollettiva" jew "komunitarja".

L-immunità komunitarja tgħin biex tiproteġi lil dawk li huma l-aktar vulnerabbli għall-mard:

- › Tfal żgħar
- › Persuni akbar fl-età
- › Il-pazjenti bil-kanċer
- › Persuni b'sistemi immunitarji dgħajfa
- › Persuni li ma jistgħux jitlaqqmu għal raġunijiet mediċi

X'inhil-immunità naturali"?

"Immunità naturali" huwa isem mogħti lill-immunità li persuna tiżviluppa wara li tikseb marda, u meta s-sistema immunitarja tagħha tkun ipproduċiet l-antikorpi b'reazzjoni għaliha.



Jista' xi ħadd jieħu marda, anki jekk ikun irċieva l-vaċċin?

Persuna xorta tista' timrad b'marda anki wara li tkun ħadet id-dożi tal-vaċċin rakkomandati kontriha. Dan jista' jseħħ jekk ma tiżviluppax protezzjoni biżżejjed kontra l-marda, jew jekk l-immunità tagħha tonqos maż-żmien.

F'dawn il-każijiet, is-sintomi tal-persuna ġeneralment ikunu inqas qawwija milli kieku ma kinux ħadu t-tilqima. Barra minn hekk, hemm probabbiltà anqas li jinfettaw lill-oħrajn.

Il-vaċċini huma 100 % effettivi?

L-ebda vaċċin mhu effettiv 100 %. Vaċċin ma jiproteġix lill-persuni kollha mlaqqma. Jekk it-tilqim jiproteġix lil individwu jiddependi fuq diversi fatturi.

Dawn jinkludu:

- › L-età tagħhom
- › Mard jew kundizzjonijiet oħra li jista' jkollhom
- › Iż-żmien minn meta ngħatat it-tilqima
- › Kuntatt preċedenti mal-marda
- › Il-vaċċin speċifiku

Pereżempju, it-tilqima kontra l-ħosba, il-gattone u r-rubella (MMR) hija effettiva ħafna biex tevita dan il-mard. Tipikament, din tipprovdi protezzjoni għal tul il-ħajja tal-bniedem.



PORTAL EWROPEW
TA' INFORMAZZJONI
DWAR IT-TILQIM
Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea



Skennja l-kodiċi QR biex issir taf aktar fil-Portal Ewropew ta' Informazzjoni dwar it-Tilqim
vaccination-info.europa.eu/en